**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Novembru, 2016**

**Mandat Nru: 1352/2016 AF**

**Grands Holdings Limited (C-19838)**

**vs**

**Patricia Grima Azzopardi**
**Dione Bezzina**
**Kevin Catania**
**Anna Maria Sopp**
**Mary Calleja**
**Habtasam Muscat Fitz**
**Leonard Vella**
**Raymond Zarb**
**Charles Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Grands Holdings Limited li permezz tieghu din il-Qorti intalbet li zzomm lill-intimati milli jinstallaw *passenger lift* ossija *elevator* fil-pjan terran gewwa l-fond ossija korp ta' bini li jinstab f'numru 58, "Zimella Flats", Islets Promenade, Bugibba, konsistenti f'mezzanin u stabbiliment kummercjali (proprjetà tas-socjetà rikorrenti) fil-pjan terran (kif jidher mir-

ritratt Dok. A) u numru ta' appartamenti sovrastanti, lkoll proprjetà u/jew mikrija lill-intimati;

(2) milli jaghmlu dawk ix-xogholijiet ulterjuri marbuta mal-istallazzjoni tal-*passenger lift* ossija *elevator* gewwa l-entrata tal-blokka li hija proprjetà diviza bejn ir-rikorrenti u s-sid tal-mezzanin adjacenti fit-terran, konsistenti fl-installazzjoni tal-machine room u meter tad-dawl (kif jidher mir-ritratt Dok. B u C);

(3) milli jkomplu jaghmlu xogholijiet ohra strutturali fit-terran tal-istess blokka; u

(4) fil-konfront tal-intimat Raymond Zarb, milli jkomplu jizviluppa l-arja sovrastanti l-fond proprjetà tar-rikorrenti, partikolarment il-bitha li tinstab fuq in-naha ta' wara tal-fond kummercjali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-twegiba ta' Patricia Grima Azzopardi, Dione Bezzina u Habtasam Muscat Fitz.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Carmel sive Charles Vella u Kevin Catania.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru li permezz tieghu l-atti tar-rikors gew ceduti fil-konfront ta' Anna Maria Sopp, Mary Calleja, Leonard Vella u Ray Zarb.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

*"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi s-socjetà rikorrenti odjerna permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat 8 ta' Jannar 1999 akkwistat il-fond proprjetà taghha u cioè terran Nru. 2 fil-blokka *de quo*, "inkluza f'dan il-bejgh in-nofs indiviz tal-entrata immedjatament quddiem il-bieb numru tnejn (2)..."

Jirrizulta mir-ritratti esibiti illi l-machine room ta' lift ser tigi installata specifikament f'dan in-nofs diviz tal-entrata proprjetà tar-rikorrenti. It-tarag mibni fl-entratura *de quo* jirrizulta kompletat b'hekk johrog barra mill-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta. Ma jirrizultax lill-Qorti li xogholijiet ohra qeghdin jilledu xi drittijiet tal-istess rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Grands Holdings Limited limitatament billi zzomm lill-intimati milli jinstallaw machine room ta' lift fl-entrata quddiem il-fond Nru. 2, "Zimella Flats", Islets Promenade, Bugibba.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fl-eventwali proceduri legali li ghad iridu jinbdew.

IMHALLEF